**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR JOSEPH BONNICI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT- TNEJN 3 TA' DICEMBRU, 2001

**Numru: 11**

**Avviz Nru: 339/01 JB**

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra**

**vs**

**Caffe Oasis Confectionery Limited**

## It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas ta' Royalty fl-ammont ta' Lm51.46c (wiehed u hamsin lira Maltin u sitta u erbghin centezmi) kwantu ghal erbgha w erbghin Liri Maltin u hamsa u sebghin centezmi (Lm44.75c) Royalty u sitt liri u wiehed u sebghin centenzmi (Lm6.71c)

Taxxa fuq il-Valur Mizjud dovut bil-quddiem, in konnesjoni mal-licenzja Nru. 9472 (Dok "A") rilaxxjata mis-socjeta' attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-isabbiliment Caffe Oasis ghall-perjodu mis- 6 ta' Jannar, 2001 sal- 5 ta' Jannar, 2002.

Is-socjeta' attrici talbet wkoll il-hlas tal-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjes tal-Avviz, komprizi dawk tal-ittra legali tal- 31 ta' Marzu, 2001, kontra l-konvenut li gie ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata;

Sema lil PL Josette Attard tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici kwantu ghall- Lm51.46c (wiehed u hamsin lira Maltin u sitta u erbghin centezmi dovuti ghall-hlas ta' Royalty ghall-perjodu mis- 6 ta' Jannar, 2001 sal- 5 ta' Jannar, 2002 bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph Bonnici**
**Gudikatur**